MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Numru. 382/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**

**KONTRA**

**ADRIAN BIANCHI**
**JEFFREY MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Adrian Bianchi ta' 31 sena, bin Giovanni u Esmeralda nee' Dalli, mwieled Qormi nhar is- 26 ta' Gunju 1977, residenti f'numru 80, Ganeld, Triq San Benedittu, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 3576779(M);

U

Jeffrey Muscat ta’ 19- il sena, bin Moses u Dolores nee’ Cuschieri, mwieled Pieta’ nhar it- 13 ta’ Lulju 1989, residenti fil- fond numru 26, Is- Salvatur, Triq l- Ghoxrin ta’ Jannar, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 328089(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Lil Adrian Bianchi wahdu akkuzat talli;

1) F’ April 2008 u fix- xhur ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Guzeppi Borg (sid ta’ Borg Transportation Ltd.), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u liema somma giet fdata lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

Lil Jeffrey Muscat wahdu talli;

2) fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u cioe’ cekk tal – BOV bin- numru 2369 minn kont bankarju 22 219 12105750023 li jghajjat lil Jakki Ltd. u jammonta ghal elf ewro (€1,000), sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta u xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex imexxi dan ic- cekk, liema cekk kien gej minn approprjazzjoni bla jedd.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 293, 294, 310 (1) (b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------